Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 63/17

**Doreen Camilleri (appellanti)**

**vs**

**Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (appellat)**

5 ta' Ottubru, 2018.

1. **Dan hu appell minn decizjoni tal-24 ta' Ottubru 2017 tat-Tribunal tal-Appelli Dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data li biha giet michuda t-talba tal-appellanti.**

2. Fl-*email* taghha tal- 20 ta' Frar, 2016, lill-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, l-appellanti ressqet ilment kontra Joseph Schembri fil-kwalita' tieghu ta' *Acting National Coordinator* tal-*European Union Programmes Agency* ("Agenzija")*,* u kontra Mark Lungaro fil-kwalita' ta' *IT Manager* tal-istess Agenzija dwar is-segwenti:-

   - *Breach of Data Protection Rights;*
   - *Change of password under false pretences by third parties;*
   - *Potential abuse of corp personal email account (doreen.j.camilleri@go.mt), assigned to a sensitive national post relating to the European Commission;*
   - *Personal email account maintained active for 7 days without user's (undersigned) knowledge;*
   - *User's (undersigned) access concurrently blocked.".*

3. B'decizjoni tas-17 ta' Gunju, 2016, il-Kummissarju sab li l-ilment tal-appellanti kien infondat fil-fatt u id-dritt ghaliex l-Agenzija kienet imxiet skont il-paragrafu (f) tal-Artikolu 9 tal-Kap. 440 tal-Ligijiet ta' Malta ("Ligi").

4. L-appellanti appellat minn dik id-decizjoni quddiem it-Tribunal skont l-Artikolu 49 tal-Kap. 440, fejn talbet sabiex id-decizjoni tal-Kummissarju tigi revokata u annullata u l-istess Kummissarju jkun ordnat li jikkunsidra l-kaz mill-gdid. Min-naha tieghu, il-Kummissarju wiegeb li ma kienx hemm bazi biex jintlaqa' l-appell.

5. It-Tribunal iddecieda l-kaz fl-24 ta' Ottubru, 2017 billi cahad l-appell ghal dawn ir-ragunijiet:-

*"F'dan il-kaz l-artikolu 9(c) tal-Kap 440 tal-Ligijiet ta' Malta jghid li d-data personali jistghu jkunu processati biss jekk 'l-ipprocessar ikun mehtieg biex tithares xi obbligazzjoni legali li l-kontrollur ikun suggett ghaliha' japplika fil-fatti tal-kaz in kwistjoni – Agenzija hija responsabbli mil-programm Erasmus tal-Unjoni Ewropeja u marbuta b'deadlines u tista' tehel penali jekk ma tonorax dawn id-deadlines u li ghalhekk kienet kostretta li taghmel dak li ghamlet sabiex ix-xoghol jibqa' ghaddej. L-istess jista'jinghad ghall-artikolu 9(e) tal-istess Kap stante li l-ipprocessar kien mehtieg ghat-twettiq ta' attivita' li ssir fl-interess pubbliku – tajjeb jinghad li l-programm Erasmus jibbenefikaw minnhom eluf ta' student Maltin u li kieku l-Agenzija ma tapplikax ghal tali fondi fil-hin jew ma taghmilx dak rikjest minnha mill-Kummissjoni Ewropeja fil-hin, tali program ma jkunx jista' jsir bi pregudizzju ghal dawn l-istudenti.*

*Issa jekk l-appellanti kellha data personali cioe personal file ecc li mhux marbuta man-natura tax-xoghol taghha dak huwa riskju li hadet l-appellanti stante li hija ma setghetx taghmel dan stante li l-mailbox tax-xoghol hija biss ghall-affarijiet relatati max-xoghol u wkoll, kif diga inghad, l-employer huwa s-sid tal-hardware kollu inkluz l-email archives.*

*Issa kellu f'dan il-kaz jistenna sal- 25 ta' Frar 2016 biex jaghlaq kompletament dan l-account, fil-fehma tat-Tribunal dan ma kellux ikun. Izda dan ma jbiddel xejn minn dak li qed jirrileva dan it-Tribunal".*

6. L-appellanti appellat mid-decizjoni u lmentat li:

   (a) *Il-kuncett ta' data personali:* it-Tribunal naqas milli jikkunsidra li l-indirizz tal-*email account* kien f'isimha u wkoll registrat f'isimha bhala 'user', u dan filwaqt li isem persuna hu dak li jiddentifika lil dik il-persuna u li hu kkunsidrat bhala 'data personali' skont l-Artikolu 2 tal-Ligi. Ghalhekk l-uzu li sar tal-*email account* taghha kien jikkostitwixxi ipprocessar ta' data personali skont l-istess Artikolu tal-Ligi.

   (b) *Il-kwistjoni tal-interess pubbliku u dritt legittimu:* it-Tribunal kellu jikkunsidra jekk l-uzu tad-data personali taghha kien proprju "mehtieg" ghall-interess pubbliku fic-cirkostanzi a tenur tal-paragrafu 9(e) tal-Ligi, tenut kont tal-fatt li l-Agenzija kellha ghazliet ohra. It-Tribunal ukoll naqas milli jikkunsidra li l-Artikolu 11 tal-Ligi, fejn hi kellha d-dritt li toggezzjona ghall-ipprocessar tad-data personali taghha; l-Artikolu 7 ta' dik il-Ligi li jirrikjedi kif ghandu jigi pprocessat data personali, u wkoll l-Artikolu 19 tal-istess Ligi fejn il-Kontrollur kellu l-obbligu li jghaddilha d-data li kienet tirrigwarda lilha. Ukoll, it-Tribunal jaghmel referenza ghall-paragrafu 9(c) izda mbaghad jonqos milli jiddentifika l-obbligazzjoni legali tal-Agenzija. L-appellanta kompliet tissottometti li t-Tribunal fid-decizjoni tieghu wasal ghal diversi konkluzjonijiet dwar fatti – bhal per ezempju li l-Agenzija kienet imxiet fuq *common practice* – li ma kienux jirrizultaw mil-provi jew li kienu jirrizultaw mod iehor. Ghalqet billi rrilevat li kien biss wara s-seduti quddiem it-Tribunal li saret taf li l-MITA ghandha *policies* car dwar x'jigri minn *email account* meta impjegat tal-gvern jispicca mix-xoghol.

7. L-appellat wiegeb li d-decizjoni tat-Tribunal kienet wahda "*ekwa, legalment korretta, gusta u ben motivata*" u ghalhekk kellha tigi kkonfermata bl-ispejjez kontra l-appellanti. Sostna li fid-decizjoni tieghu hu kien sostna li *email account* ta' mpjegat hu proprjeta' ta' min qed ihaddem li ghandu d-dritt li jaghmel dawk il-kondizzjonijiet mehtiega sabiex jassigura l-kontinwita' tax-xoghol fejn l-impjegat jispicca mix-xoghol, dejjem dan fil-parametri stabbiliti mil-ligi. L-access ghall-*mailbox* kien sar kif awtorizzat ai termini tal-Artikolu 9(f) tal-Ligi, jigifieri l-Agenzija kellha interess legittimu li jitkompla x-xoghol.

8. Il-qorti qrat l-atti.

9. **<u>Fatti</u>**.

   L-appellanti kienet tahdem mal-*European Union Programme Agency*. Fit-8 ta' Frar, 2016 kienet infurmata mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u Impjieg, li l-impieg taghha kien ser jigi tterminat.

   Jirrizulta' li fid-9 ta' Frar, 2016 l-Agenzija talbet sabiex tinbidel il-password tal-mailbox tal-appellanti u ma jirrizultax li l-appellanti kienet infurmata b'dik it-talba. Fil-fatt dakinhar stess inbidlet il-*password* u l-appellanti ma kellhiex iktar access ghall-mailbox. Jirrizulta li l-*password* il-gdida kienet inghatat lil "*Education Information Management Unit*". Fil-fatt b'email datata 9 ta' Frar, 2016, il-MITA baghtet lill-*Information Management Unit* fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni li kienet tghid:

   *"Dear IMU*

   *Kindly inform Mrs Camilleri Doreen with the new Corp domain password.*

   *The password communicated to the user must be changed immediately upon receipt. In default of such action, the user assumes liability for all activity logged with the unchanged password once this notice is communicated, without prejudice to any other liability incurred by the user for activity logged on the account from the time the password is changed".*

   Imbaghad fil-15 ta' Frar, 2016 sar ilment mill-appellanti lil MITA peress li ma setax taccessa l-*mailbox* taghha.

   Permezz ta' email datata 20 ta' Frar 2016, l-appellanti lmentat mal-appellat li kienu nkissrulha d-drittijiet tal-protezzjoni tad-data meta wara l-ahhar gurnata tal-impjieg taghha, ufficjali mill-agenzija talbu lil MITA biex tinbidel il-*password* tal-*account* taghha. Talba li saret minghajr il-kunsens tal-appellanti, li tallega li dan l-agir potenzjalment wassal ghall-abbuz fil-*mailbox* taghha. Fid-decizjoni tieghu, l-appellat qal:

*"Whereas the Commissioner recognises the fact that, in the employment context, any computer hardware and access to any electronic communication and networking service, including but not limited to electronic mail, internet, internal servers and archive folders are considered to be the property of the employer who regulates their use for the ultimate legitimate interest of the business and administrative activity"*.

## Konsiderazzjoni.

### *L-ewwel aggravju: il-kuncett ta' data personali.*

10. L-isem ta' persuna jaghmel parti mill-informazzjoni li tirrigwarda dik il-persuna u ghalhekk ghandu jigi accettat bhala "*data* personali" taghha skont l-Artikolu 2 tal-Ligi. Meta l-appellanti nghatat *email account*, dan kien ghall-iskop tax-xoghol taghha. L-appellanti stess in kontro-ezami xehedet:

*"Mhux qed nikkontesta li l-account hu tal-employer u lanqas li l-bzonn ta' business continuity"*.

Fir-rikors tal-appell stess qalet:

*"8..... l-appellanta mhiex qed tikkontendi illi hija ghandha xi jedd fuq l-email account per se u l-anqas mhi qed tghid li kienet qed tuza l-email account ghall-uzu personali"*.

11. L-artikolu 2 tal-Kap. 440 jipprovdi:

*"data personali tfisser **kull informazzjoni li tirrigwarda persuna naturali identifikata jew identifikabbli**: persuna identifikabbli hija persuna li tista' tigi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'riferenza ghal numru ta' identifikazzjoni jew ghal xi fattur wiehed jew iktar specifiku ghall-identita fizika, fizjologika, mentali, ekonomika, kultura jew socjali taghha"*.

12. Il-qorti hi tal-fehma li dan l-aggravju sar bla bzonn, ghaliex mid-decizjoni tat-Tribunal hu altru milli evidenti li kkunsidra li kien hemm processar ta' data personali. Tant hu hekk li cahad l-appell tal-appellanti ghar-ragunijiet li jissemmew f'paragrafi (c) u (e) tal-artikolu 9 tal-Kap. 440. Disposizzjoni li kienet tipprovdi ghall-kazijiet meta jista' jsir processar ta' *data*. L-appellat stess ma kellux dubju li f'dak li sar kien hemm processar ta' data personali tal-appellanti, tant hu hekk li fid-decizjoni qal:

*"The Agency **processed the complainant's personal data** in conformity with Article 9(f) of the Act since such processing was indeed 'necessary for a purpose that concerns a legitimate interest of the controller' in order to ensure business continuity following the termination of her employment from the position of National Coordinator"*.

13. Bejn il-partijiet ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni li fil-fatt sar processar ta' data (ara definizzjoni fl-artikolu 2). L-unika prova dwar data personali li hemm f'dan il-kaz hu l-indirizz tal-email li kellha l-appellanti meta kienet tahdem mal-

Agenzija, u li kien fih isem l-appellanti. L-indirizz tal-email tal-appellanti kien (doreen.j.camilleri@gov.mt).[1] It-Tribunal osserva li, *"L-impjegat ma ghandu ebda drittijiet fuq l-email identity tieghu jew taghha. Hija email address maghzul mill-employer u mhux mill-impjegat u l-uzu tieghu huwa biss ghall-uzu relatat max-xoghol u mhux ghall-uzu privat"*. Pero' hu floku li l-qorti tippreciza li gialadarba l-*email identity* li nghata lill-appellanti fih isimha u kunjomha, dak it-taghrif jikkwalifika bhala *data* personali. Ghalhekk il-qorti ma tistax taqbel ghal kollox ma' dak li qal it-Tribunal.

14. Il-qorti tosserva wkoll li l-materjal li kien hemm fl-inbox tal-*account* li kellha l-appellanti, ma jikkwalifikax bhala *personal data* dwarha. Fir-rikors tal-appell stess qalet, *"lanqas mhi qed tghid li kienet qed tuza l-email account ghall-uzu personali"*. Dan apparti li mhemmx prova li fl-inbox jew f'parti ohra tal-email account kien hemm xi materjal iehor li ma kienx konness max-xoghol tal-appellanti. Il-fatt biss wahdu li kien hemm zmien qasir li fih l-*IT Manager* kellu access ghal gewwa dak l-*account*, b'daqshekk ma jfissirx li kull meta ccekkja l-inbox kien qieghed jipprocessa data personali tal-appellanti. Dan apparti li l-appellanti stess irrikonoxxiet li mhemmx kontestazzjoni li l-email account, *"hu proprjeta tal-employer u li fuq l-appellanta ma kellhiex izzomm data personali"*. Sahansitra kompliet tghid, ***".... l-appellanta mhix qed tikkontendi illi hija ghandha xi jedd fuq l-email account per se u lanqas mhi qed tghid li kienet qed tuza l-email account ghall-uzu personali"***.

15. Mid-deposizzjoni ta' Mark Lungaro, irrizulta li dak l-indirizz intuza minnu biex saret talba lil MITA sabiex tinbidel il-*password* tal-*account* li kellha l-appellanti, u wkoll sabiex ittrasmetta emails li kienu dahlu fl-inbox lill-impjegati fl-Agenzija. Hu evidenti li dak l-indirizz, bl-isem u kunjom tal-appellanti, inzamm mill-kontrollur ghal numru ta' granet sakemm l-account inghalaq mill-MITA. Lungaro xehed li kien uza l-mailbox tal-*account* tal-appellanti biex jivverifika dahlux, *"emails godda u jekk kelli emails godda naghmlilhom forward lill-persuni rispettivi. Nikkonferma li ma bghattx emails ohra apparti dawn internament"*. Fuq mistoqsija, *"M. Emails godda dahlu ?"* wiegeb *"T: ifforwardjajt two emails **lill-programme managers** biex jiehdu azzjoni"*. Mid-dokument AF4 jidher li fid-9 ta' Frar, 2016 l-appellanti aghmlet uzu mill-*email account* minkejja li ma kinitx ghadha mpjegata mal-Agenzija (ara l-ewwel faccata tad-dokument). Minn dak l-istess dokument jirrizulta li baqghu jidhlu *emails* f'dak l-*account*.

16. L-ipprocessar tad-data personali sar lil MITA u lil *programme managers* fl-Agenzija, li m'hemmx dubju kienu diga' jafu x'kien l-indirizz tal-*email* tax-xoghol li kellha l-appellanti. Kien hemm ukoll iprocessar ta' data personali mill-fatt li ghal numru ta' granet, l-appellant zamm isem u kunjom l-appellanti fl-

[1] Ara Dok. A mehmuz mat-twegiba li pprezenta l-appellat quddiem it-Tribunal.

indirizz tal-email. L-appellat kellu jiddetermina jekk dak l-ipprocessar kienx jaqa' taht wiehed mill-kazijiet kontemplati fl-artikolu 9 tal-Kap. 440.

17. It-Tribunal fid-decizjoni tieghu ikkonkluda li l-uzu tal-*email account* li kellha l-appellanti kien gustifikat skont paragrafi (c) u (e) tal-Artikolu 9 tal-Ligi. Fil-fehma tal-qorti kien ikun iktar f'loku li t-Tribunal jiddetermina jekk dak l-uzu kienx jaqa' taht paragrafu (f) tal-istess disposizzjoni. Wara kollox id-decizjoni tal-appellat kienet bazata fuq dak il-paragrafu, u t-Tribunal kellu jistharreg id-decizjoni tal-appellat. Decizjoni li kif rajna kienet motivata fuq dak li jipprovdi paragrafu (f). Minflok it-Tribunal qabad u kkonkluda li l-ipprocessar ta' data kien mehtieg:

i. *"(c) .... biex tithares xi obbligazzjoni legali li l-kontrollur ikun suggett ghaliha";* u
ii. *"e) .... ghat-twettiq ta' attivita' li ssir fl-interess pubbliku jew fl-esercizzju tal-awtorita ufficjali vestita fil-kontrollur jew f'terzi li d-data jigu zvelati lilhom".*

F'kull kaz, fir-rikors tal-appell l-appellanti llimitat ruhha biex tikkritika dak li qal it-Tribunal fir-rigward ta' paragrafi (c) u (e) tal-artikolu 9 u ma semma xejn dwar il-fatt li d-decizjoni tal-appellat kienet bazata fuq paragrafu (f).

18. Fil-fehma tal-qorti, paragrafu (c) japplika f'dawk il-kazijiet meta jkun hemm obbligu statutorju li l-kontrollur ikun suggett ghaliha. F'dan il-kaz ma saritx xi prova f'dak is-sens.

19. Ghal dak li jirrigwarda paragrafu (e), ma jidhirx li l-appellat hu daqstant konvint mir-ragunament tat-Tribunal tant hu hekk li ghadu jishaq li l-ipprocessar kien mehtieg ghar-raguni li tissemma f'paragrafu (f). L-appellanti ssostni li paragrafu (e) kien, *"... sabiex jippermetti l-ipprocessar tad-data personali meta dan ikun fl-interess pubbliku de proprio, u mhux meta jkun fl-interess tal-amministrazzjoni interna tal-kontrollur, ghaliex dik l-amministrazzjoni interna ma tista' tkun qatt per se fl-interess pubbliku".* F'dan il-kaz hu evidenti li l-Agenzija riedet tkun taf x'emails kienu dehlin fl-inbox tal-email account tal-appellanti sabiex b'hekk ix-xoghol li kienet taghmel ikun jista' jitkompla minghajr ebda interruzzjoni. Fil-fehma tal-qorti dan il-paragrafu jipprovdi ghal sitwazzjoni sabiex l-awtorita' pubblika, kif wara kollox hi l-Agenzija, tkun tista' tkompli twettaq id-dmirijiet taghha. Dmirijiet li m'ghandux ikun hemm dubju li jitwettqu fl-interess pubbliku minkejja dak li ssostni l-appellanti. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-kariga gholja li kellha l-appellanti fl-Agenzija. Madankollu, l-qorti ghandha rizervi kemm dak l-ipprocessar ta' data kien mehtieg (*necessary*) meta tqies dak li ser jinghad fl-ahhar parti ta' din is-sentenza. Wiehed mir-rekwiziti ghall-ipprocessar ta' data taht paragrafu (e) hu li jkun "mehtieg" (*necessary*). F'dan ir-rigward il-qorti

tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kaz **Peter Puskar** (C-73/16) tas-27 ta' Settembru, 2017 fejn qalet:

*"112.... The protection of the fundamental right to respect for private life at the European Union level requires that derogations from the protection of personal data and its limitations be carried out within the limits of what is strictly necessary (see, to that effect, judgment of 21 December 2016, Tele2 Sverige and Watson and Others, C-203/15 and C-698/15, EU:C:2016:970, paragrafph 96 and the case-law cited".*

20. Fid-decizjoni l-appellat ikkonkluda wkoll li f'dan il-kaz l-ipprocessar ta' data sar skont *"good practice"* (paragrafu (b) tal-artikolu 7), *"... as the Agency followed MITA's established procedures which provide for sufficient security measures"*. Zied ukoll *"'sub-article (c) thereof in view that the personal **data were 'collected** for specific, explicitly stated and legitimate purposes', that of business continuity"*. Fil-fehma tal-qorti paragrafu (c) ma japplikax għall-kaz in ezami peress li jirreferi għall-ġbir ta' data personali. Il-kaz in ezami m'għandux x'jaqsam ma' ġbir ta' data personali. Inoltre, l-qorti ma taqbilx mal-appellat li dak li sar kien skont *"good practice"*, in kwantu:

i. Jidher li l-Aġenzija ma segwitx il-procedura tal-MITA. Fil-fatt mill-provi rrizulta li l-procedura li addottat l-Aġenzija kienet tapplika fejn l-impjegat ikun talab biex tinbidel il-*password* tal-account tiegħu (ara deposizzjoni ta' Ronald Abdilla, *service call centre manager* mal-MITA). Mark Lungaro qatt ma seta' jagħmel talba f'isem l-appellanti, peress li t-talba saret fid-9 ta' Frar, 2016 meta l-impjieg tal-appellanti kien terminat fit-8 ta' Frar, 2016. Mill-*email* li l-MITA bagħtet lil IMU hu car kif il-MITA kienet qegħda tifhem li t-talba originali għat-tibdil tal-password kienet saret mill-appellanti.
ii. Meta l-MITA saret taf bl-ilment tal-appellanti, waqfet minnufih dak l-*email account* (ara deposizzjoni ta' Ronald Abdilla u *email* tas-16 ta' Frar, 2016 – Dok. RAV). Dan implicitament jindika li t-talba li saret minn Mark Lungaro ma kinitx skont il-procedura li kellha tiġi segwita fil-kaz ta' terminazzjoni ta' impjieg.

21. Hu f'dan il-kuntest li l-qorti ma taqbilx mal-mod kif id-data personali tal-appellanti, li f'dan il-kaz hu isimha, ġiet processata mill-Aġenzija. Ma kellha qatt tagħmel talba f'isimha sabiex tinbidel il-*password* tal-*account* tagħha. F'dan il-kaz l-*Approved Proxy method* ma kellhiex tintuza għaliex meta saret it-talba l-appellanti ma kinitx għadha impjegata mal-Aġenzija. Prova li ntuzat l-*Approved Proxy method* huma l-*emails* Dok. RA2. Dan apparti li mhemmx prova li l-appellanti ġiet infurmata li saret talba f'isimha sabiex tinbidel il-password tal-*email account* li kellha fil-post tax-xogħol. Dan apparti li għalkemm l-*email account* huwa tal-principal, jibqa' l-fatt li l-indirizz fih isem l-appellanti li hu *data* personali.

22. Il-qorti m'hijiex fid-dmir li tghid x'kellu jsir, ghalkemm il-logika tghidlek li l-inqas li kelliu jsir kien li l-appellanti tintalab taghti *handover* sabiex isir process ta' archiving tal-*emails* li kien hemm fl-*account*. Il-qorti ma temminx li l-appellanti ma kinitx accessibbli. Fil-fatt jirrizulta li fid-9 ta' Frar, 2016 Joseph Schembri hareg ricevuta lill-appellanti li l-Agenzija rceviet oggetti minghand l-appellanti (ara Dok. AF2). L-appellanti stess xehedet, u f'dan ma gietx kontradetta, li: *"Infatti jiena rritornajt l-apparat elettroniku li kelli fil-pussess tieghi, kif ukoll ic-cwievet tal-ufficcju, fid-9 ta' Frar stess ghall-habta tas-saghtejn wara nofsinhar, lis-sur Joseph Schembri, kif kif kont mitluba permezz ta' text message li jiena rcevejt minghand dakinhar....".* M'hemmx prova li ntbaghatu messaggi lill-appellanti biex tmur l-ufficcju biex isir *handover* ghal dak li jirrigwarda l-kontenut tal-email account taghha, u li rrifjutat. Ghall-qorti m'huwiex bizzejjed li Joseph Schembri, Kap Ezekuttiv, ighid *"Ma stajtx nghidilha ghax ma qbadthiex...".* L-ircevuta tad-9 ta' Frar, 2016 hi fiha nnifisha prova ta' kemm l-appellanti kienet accessibbli.

23. Fic-cirkostanzi l-qorti tikkonkludi li l-ipprocessar ta' data ma sarx skont il-*good practice* (artikolu 7(b) tal-Kap. 440).

24. Fit-twegiba l-appellat argumenta wkoll li,

> *"... kieku l-Kummissarju ddecieda li l-Agenzija EUPA kellha titlob lil Doreen Camilleri sabiex taghtihom il-password jew inkellha taghmel it-talba ghall-password gdida hija stess, kien johloq precedent perikoluz fejn kumpanniji li jitterminaw l-impieg tal-impjegat jkollhom bzonn l-awtorizazzjoni tieghu sabiex jaccedu ghall-email account li kien qed jintuza ghal finijiet ta' xoghol sabiex tigi assigurata kontinwita tax-xoghol".*

Fil-fehma tal-qorti l-appellat m'huwiex jaghmel paragun ta' kaz *like with like*. Fil-kaz tal-lum gie determinat li kien hemm processar ta' *data* personali, u giet addotata procedura li ma kinitx tapplika ghac-cirkostanzi tal-kaz. Kull kaz ikollu c-cirkostanzi partikolari tieghu, u meta tiddeciedi kaz idejalment wiehed ghandu jevita milli jiggeneralizza. Idealment il-principal juza indirizzi li ma jkunx fihom isem l-impjegat. F'dan il-kaz il-kwistjoni nqalghet ghas-semplici fatt li l-indirizz tal-email fih isem l-appellanti. Il-qorti lanqas ma taqbel li l-appellat jiggustifika l-uzu tal-*Approved Proxy* method biex jigi assigurat il-*business coninuity*. Il-provi juru li dik ma kinitx il-procedura applikabbli ghall-fattispecjie tal-kaz, li mill-provi ma jirrizultax li l-appellanti intalbet taghti *handover* u wisq inqas ma giet infurmata b'dak li sar.

**Ghaldaqstant, tilqa' l-appell sa fejn kompatibbli ma' dak li nghad f'din is-sentenza, thassar id-decizjoni tat-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data tal-24 ta' Ottubru, 2017 kif ukoll id-decizjoni tal-appellat, u minflok tiddikjara li l-ipprocessar tad-data personali tal-appellanti ma sarx bil-mod kontemplat fl-artikolu 7(b) tal-**

**Kap. 440. Wara li qieset ic-cirkostanzi tal-kaz il-qorti m'hijiex tal-fehma li hemm htiega li l-kaz jintbaghat lura lill-appellat jew li jinghata xi provvediment ulterjuri.**

**Spejjez a karigu tal-appellat, b'dan li l-appellanti ghandha taghmel tajjeb ghal kwart mill-ispejjez taghha tal-appell peress li l-ewwel aggravju sar inutilment.**

Anthony Ellul.